MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2180/2002

**Joseph u Mary konjugi Calleja**

**Vs**

**Paul Mousu u Catherine Vigar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-ammont ta' Lm189.86c (mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta bhala arretrati ta' konsum tadawl u l-ilma fil-fond imsemmi fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li qalu li l-atturi kienu nadempjenti u bhala konsegwenza l-konvenuti soffrew danni u li l-kont ta' l-ilma hu eccessiv.

Ra l-Kontro-Talba li fiha l-konvenuti talbu l-likwidazzjoni ta' danni billi skond il-konvenuti l-fond mikri mill-atturi ma baqax abitabbli u ghalhekk kellhom jikru fond iehor.

Ra r-Risposta ta' l-atturi li qalu li l-konvenuti ma soffrew l-ebda danni li taghhom jistghu jkunu responsabbli l-atturi.

Ra d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda u s-sottomissjonijiet finali.

Ikkunsidra li skond il-kirja datata 17 ta' Lulju, 2000 il-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenuti jikru l-fond 8, Mattew Pulis Street, Sliema ghall-perjodu ta' sena u sitt xhur b'dan illi l-inkwilini jkollu d-dritt li jgedded dan il-ftehim ghall-perjodu massimu ta' sitt xhur. Il-partijiet ftiehmu wkoll li l-konvenuti jhallsu kwalunkwe dritt jew kont konness mas-servizz tad-dawl u l-ilma.

Ikkunsidra li skond Maryrose Tanti bint l-atturi, l-konvenuti hargu mill-fond wara (11) hdax-il xahar u hallew il-kont in kwistjoni. Maryrose Tanti qalet li l-atturi kitbu diversi ittri fejn talbu l-hlas izda l-konvenuti njoraw dawn l-ittri.

Maryrose Tanti qalet li grat hsara fil-flat sovrapost ghall-flat in kwistjoni. Kien hemm hsara wkoll fil-flat mikri. L-atturi rrangaw il-hsara izda l-konvenuti riedu johorgu mill-fond. Ix-xhud qalet li l-konvenuti gew offruti post alternattiv izda ma riedux jaccettaw dan.

Paul Mousu qal li meta gie l-ewwel kont tad-dawl u l-ilma l-konvenuti hassew li dan kien eccessiv izda hallsu xorta. Paul Mousu qal li pprezenta kopja tal-kont tad-dawl u l-ilma tal-post fejn qieghed joqghod illum u qal li dan huwa hafna inqas mill-kont li pprezentaw l-atturi f'din il-kawza.

Paul Mousu qal li perit kien infurmah li ma setax joqghod iktar fil-post mikri. Fil-prospett ta' danni l-konvenut talab Lm640.00c (sitt mija w erbghin lira Maltin) rapprezentanti kemm kellu jhallas izjed ghall-post gdid li kellu jikri kif ukoll prezz ta' garr ta' l-ghamara u d-depozitu.

Xehed ukoll Dr Neville Young prodott mill-konvenuti. Dr Young spjega li l-kont ta’ Lm163.00c (mija u tlieta u sittin lira Maltin) huwa gholi ghaliex fil-*metre reading* precedenti kien hemm stima baxxa.

Ikkunsidra li l-konvenuti qieghdin jikkontestaw il-kont tad-dawl u l-ilma izda ma gabux bizzejjed provi biex juru li hemm xi haga hazina fir-*readings* jew fil-kont. Setghu per ezempju gabu espert biex jivverifika jekk il-*metre* jahdem tajjeb jew le. Kienu l-konvenuti li kienu qieghdin jikkontestaw dan il-kont li kellhom juru li kien kont zbaljat bl-ajhar prova u mhux biss xhieda ta’ Paul Mousu li qal li fejn mar joqghod il-kont kien iktar baxx.

Illi ghar-rigward il-Kontro-Talba hawn ukoll il-konvenuti naqsu li jgibu l-ahjar evidenza dwar il-fatt li kellhom jitilqu mill-fond in kwistjoni. L-perit li allegatament informa l-konvenut li l-post ma kienx abitabbli ma giex prodott bhala xhud u ma gie esebit ebda rapport tal-perit. Illi jirrizulta wkoll li l-konvenuti qatt ma kitbu lill-atturi fejn talbu xi danni.

Bhala fatt jirrizulta li l-fond mikri mill-atturi kellu xi hsara. Ma giex pruvat ezattament x’kienet din il-hsara u lanqas hemm xhieda dwar kemm damu l-atturi biex irrangaw il-hsara.

Illi skond il-kirja bejn il-partijiet il-konvenuti kellhom dritt joqghodu hemm sa Awissu 2002 u telqu f’Novembru 2001.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz filwaqt li t-Tribunal jiddeciedi li l-ammont ta’ Lm189.86c (mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) huwa dovut bhala bilanc tal-kont tad-dawl u l-ilma l-atturi ghandhom ikompensaw lill-konvenuti minhabba l-fatt li l-post mikri lill-konvenuti kellu hsara waqt il-kirja.

Illi tenut in konsiderazzjoni l-fatti kollha nkluz il-Lm120.00c (mija u ghoxrin lira Maltin) li thallas bhala depozitu t-Tribunal jikkonkludi li m’hemm ebda ammont dovut bejn il-partijiet.

Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------